# MALTA
# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA
## MR. ALFRED PERINI
## DR. ANDREW SCIBERRAS

**Illum 27 ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru. 64/2016**

**Walter Camilleri**
**vs**
**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

## It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat minn **Walter Camilleri** fit-13 ta' Settembru 2016 fejn talab it-thassir tal-penali amministrattiva u punti penali imposti fuqu mill-Awtorita` intimata permezz ta' decizjoni datata 8 ta' Awissu 2016;

Ra illi l-Awtorita` intimata debitament notifikata fl-20 ta' Settembru 2016 ma pprezentat l-ebda risposta;

Ra r-rikors tal-Awtorita` intimata ipprezentat fil-25 ta' Novembru 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talbet li tinghata l-fakolta` li tipprezenta r-risposta taghha;

Ra d-digriet tat-28 ta' Novembru 2016 fejn it-Tribunal ordna notifika tal-imsemmi rikors lill-kontro-parti b'sebat (7) ijiem ghar-risposta;

Ra d-digriet tal-10 ta' Jannar 2017 fejn appunta r-rikors ghas-smiegh ghas-seduta tat-23 ta' Jannar 2017 fl-10.00am f'liema seduta l-Awtorita` intimata

kellha tipproduci l-provi taghha kollha in sostenn tar-rikors taghha ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja;

Ra illi fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2017 intalab differiment mill-Awtorita` intimata stante li d-difensur taghha kien se jkun impenjat fuq xoghol gewwa Strasburgu in konnessjoni mal-Presidenza tal-Unjoni Ewropeja;

Ra illi fis-seduta tal-20 ta' Frar 2017 gie trattat ir-rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija decizjoni limitata ghall-kwistjoni tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja da parti tal-Awtorita` intimata.

Illi skond ir-rikors tal-25 ta' Novembru 2017 l-Awtorita` intimata naqset milli tipprezenta r-risposta taghha fit-terminu peress li l-iskrivana fl-ufficju tal-konsulent legali taghha kienet assenti mix-xoghol taghha u li allura dan kien zball genwin ghaliex id-difensur tal-Awtorita` intimata kien taht l-impressjoni li l-istess risposta giet effettivament stampata u mghoddija lill-Prokuratur Legali biex tigi pprezentata.

Illi d-difensur tal-Awtorita` intimata, fit-trattazzjoni orali sahaq illi dan kien kaz uman stante li l-iskrivana tal-ufficju tieghu kienet giet afflitta minn marda serja u eventwalment anke telqet mill-post tax-xoghol taghha.

Illi mid-dokumenti annessi mar-rikors tal-25 ta' Novembru 2017 jirrizulta effettivament illi l-Awtorita` intimata baghtet ir-rikors promutur lid-difensur tal-Awtorita` intimata u kkupjat lil certu Brenda, impjegata fl-ufficju tal-konsulent legali tal-Awtorita` intimata, u ghalhekk jirrizulta wkoll illi l-istess Awtorita` dejjem kellha l-intenzjoni li tikkontesta t-talba tar-rikorrent.

Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "**Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*
*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi ppruvata kawza gusta;*
*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisiti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*
*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*
*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescendibili",*
*(8) l-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezjonalment biss tista' tkun morali."* (Dawn l-istess principji gew ribaditi wkoll fis-sentenza **Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb**, deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fis-27 ta' Frar 1995 u fil-kaz **Tal Franciz Construction Limited vs Michale Ciappara**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2013.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Gloria Beacom vs Anthony Spiteri Staines,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 1993, intqal li hemm *"differenza sostanzjali bejn il-konvenut illi juri nuqqas ta' nteress assolut ghat-talba ta' l-attur anki ma jidhirx fl-udjenza meta jigi msejjah biex jidher, ghall-kwistjoni ta' konvenut illi ghar-ragunijiet spjegati lill-Qorti jindika illi huwa kellu l-intenzjoni li jikkontesta t-talbiet attrici, pero` dan ma jaghmlux bil-mod previst mil-ligi jew ahjar fiz-zmien previst mil-ligi."*

Illi issa fil-kaz odjern jirrizulta illi r-risposta ma gietxipprezentata fit-terminu minhabba cirkostanzi li nqalghu fl-ufficju legali tad-difensur tal-Awtorita` intimata. F'dan ir-rigward il-Qrati taghna gharfu bejn dawk il-kazijiet fejn l-imgieba tal-avukat imqabbad tempestivament mill-parti mharrka wasslet biex din taqa' kontumaci minn dawk fejn il-parti mharrka ma tersaqx ghand avukat f'waqt xieraq, jew tibqa' tittrateni sal-ahhar, jew tonqos li tikkomunika kif imiss ma' avukat b'impenn serju li ma thallix iz-zmien ghall-prezentata tar-risposta jghaddi ghal xejn.

Illi minbarra dan, il-principju ewlieni tal-haqq naturali tal-*audi alteram partem* jitfa' responsabbilita` mhux zghira fuq il-gudikant meta jigi biex iqis kwistjoni ta' din ix-xorti. Illi sabiex il-principju ta' *audi alteram partem* jigi applikat irid ikun hemm ragunijet cari u univoci li juru li l-konvenut effettivament irrinunzja ghal dak id-dritt tal-kontumacja tieghu ghall-ordni tal-Qorti, biex jidher u jirrispondi ghall-gudizzju.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza **Ian Zahra vs Charles Demicoli et.** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2000 fejn intqal is-segwenti *"kull nuqqas li seta' sar mid-difensuri ta' l-istess konvenut m'ghandux jimpedixxi lill-istess konvenut milli jigi moghti l-opportunita` li jiddefendi l-kawza li saret kontrih."* Dan il-hsieb gie ribadit ukoll fis-sentenza **Dr.**

**Christopher Muscat vs Raymond Bugeja,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Marzu 2000, u cioe` illi *"dan johrog iktar car meta anke fil-ligi taghna, fil-korp sostantiv, (apparti dak procedurali li qed jigi konsidrat illum) fejn huwa rari hafna li bniedem jigi mitlub isofri konsegwenzi ta' zball ta' haddiehor, u f'dan il-kaz il-kawtela tal-istess difensur tal-konvenut, m'ghandhiex tippregudika lill-konvenut fid-difiza tieghu."*

Illi mic-cirkostanzi kif imfissra lil dan it-Tribunal fit-trattazzjoni orali jirrizulta illi l-Awtorita` intimata uriet bic-car l-intenzjoni taghha li tikkontesta t-talba rikorrenti u kwindi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-istess Awtorita` iggustifikat il-kontumacja taghha u ghandha tithalla tipprezenta r-risposta taghha.

**DECIDE**

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jiddeciedi dwar it-talba tal-Awtorita` intimata kif kontenuta fir-rikors taghha tal-25 ta' Novembru 2016 billi jilqa' t-talba tal-istess Awtorita` stante li ggustifikat il-kontumacja taghha u jawtorizzaha sabiex fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni tipprezenta risposta skond il-ligi.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-istess Awtorita` intimata.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**